**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Kawża Numru: 331/04

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Jason Mangion**
**(ID 459373M)**

Illum, 30 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jason Mangion**, ta' 30 sena, iben George u Doris nee` Portelli, imwieled Bormla nhar l-20 ta' Ottubru 1973, u residenti 18B, Flat 2, Triq Matti Grima, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 459373(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Mejju 2004 u fl-aħħar xhur qabel dina d-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina (kokajina)

f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li jippromovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assoċjazzjoni;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i, jew għall-persuna/i, mingħajr ma kellhom liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xorta oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew jfornu d-droga msemmija u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tagħhom d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-liċenzja jew xorta oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollhom fil-pussess tagħhom din id-droga u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija ġiet fornuta lilhom għall-użu tagħhom skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjreta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużati jew huma proprjeta` tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużati milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat illi l-imputat wieġeb illi mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, jirriżulta hekk mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-16 ta' Ġunju 2004:

"*L-Akkuza, flok l-ittra 'D' trid tidher l-ittra 'C'u immedjatament wara l-akkuza 'C', tidhol akkuza 'D' hekk kif inqrat taħt Ġurament mill-istess Spettur Nezrin GRIXTI, seduta stante.*

*Id-Difiża qed tgħati ruħha b'Notifikat fir-rigward taċ-'charge sheet' hekk kif ammendata.*"[1]

Mill-atti proċesswali madankollu jibqa' ma jirriżultax x'kienet l-akkuża 'D' u x'kienet iċ-*charge sheet* li fir-rigward tagħha, l-imputat ta ruħu b'notifikat skont il-verbal surreferit.

Jirriżulta wkoll illi sussegwentement, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011, xehed l-Ispettur Pierre Grech li, wara li jagħmel referenza għal dak li rrilevat il-Qorti iżjed 'il fuq dwar il-korrezzjoni mitluba fil-verbal fuq ċitat jgħid hekk:

[1] Ara a fol. 14 tal-proċess.

"*…Kellha tiżdied il-pussess tad-droga kokaina għax rriżulta anke mill-investigazzjoni, tibqa' kif inhi u tiżdied l-aggravju. Barra minn hekk charge (d) nifhem li kellha tkun il-pussess tal-ecstasy. Imma m'hawn imkien x'inhuma. Hawn li ġew emendati imma kif effettivament saru l-emendi m'hawnx.*

*Qorti: U ma hemmx li l-imputat ta ruħu b'notifikat?*

*Pros: Iva hemm li ta ruħu b'notifikat fir-rigward tac-charge sheet emendata. Dak inhar sar. Jiena imma li f'dak il-każ ma kontx neżisti dak iż-żmien, issa jiena ser nikkoreġi.*

*Avukat: Aħjar jiġi notifikat mill-ġdid biċ-charge sheet*".[2]

Ma jirriżultax madankollu illi sussegwentement il-Prosekuzzjoni esebiet iċ-*charge sheet* mill-ġdid, jew li saret din il-korrezzjoni fis-sens spjegat mill-Ispettur Grech u lanqas illi l-imputat ġie notifikat b'din iċ-ċitazzjoni, kif korretta. Għaldaqstant, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar l-imputazzjonijiet li oriġinarjament ġie akkużat bihom l-imputat.

Il-fatti li jsawwru dawn il-proċeduri kontra l-imputat u li m'humiex kontestati huma s-segwenti: Nhar id-29 ta' Mejju 2004, il-Pulizija rċeviet informazzjoni fis-sens illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu sustanżi illeċiti. Għaldaqstant numru ta' uffiċjali tal-pulizija ntbagħtu fl-inħawi tal-Marsa bil-għan li jinterċettaw il-vettura tal-imputat, liema vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBO 926 fil-fatt ġiet interċettata għall-ħabta tal-11.30 a.m. fil-waqt illi kienet qegħda tiġi misjuqa mill-imputat. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-istess imputat instabet borża kontenenti blokka trab abjad suspettata kokaina u flus kontanti fis-somma ta' mitjen, ħamsa u tletin Lira Maltin (Lm235). Fuq l-imputat instab ukoll *mobile phone*. Fil-vettura mbagħad instabu *mobile phone* ieħor u xi karti b'ismijiet u numri. Sussegwentement, il-Pulizija esegwiet tfittxijiet kemm fir-residenza ta' l-imputat f'Wied il-Għajn, fejn instab *notebook* b'ismijiet u ċifri ta' flus, kif ukoll ġewwa garaxx fi Triq il-Merħba, Fgura li kien jagħmel użu minnu l-imputat, fejn f'dan ta' l-aħħar instabu xi qratas vojta, wieħed minnhom b'xi traċċi u sikkina maħruqa.[3]

---

[2] Ara a fol. 188 u 189 tal-proċess.

[3] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' PS 765 Samuel Attard (a fol. 21 sa 23 tal-proċess), PS 579 Antoine Micallef (a fol. 177 u 178 tal-proċess), PC 733 Joseph Galea (a fol. 179 u 180 tal-proċess), PC 102 Anthony Portelli (a fol. 181 u 182 tal-proċess) u PS 1574 Renaldo Cremona (a fol. 183 u 184 tal-proċess).

L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-30 ta' Mejju 2004.

Mix-xhieda u r-relazzjonijiet tal-Ispiżjar Mario Mifsud, nominat mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, jirriżulta illi dakinhar stess tad-29 ta' Mejju 2004, huwa ngħata dokument mill-Ispettur Nadia Lanzon, li ġie mogħti l-Kodiċi tal-Laboratorju 04 ACA 01, konsistenti l-istess dokument f'borża tal-plastik trasparenti kontenenti blokka ta' sustanza bajda. Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fil-blokka ta' sustanza bajda, f'ammont nett totali ta' 10.007 grammi, instabet is-sustanza Kokajina. Il-purita` għal din is-sustanza kienet ta' ċirka 65%. Is-sustanza Kokajina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[4]

Mit-tieni relazzjoni tal-istess Spiżjar Mifsud, imbagħad, jirriżulta illi illi fil-15 ta' Ġunju 2004 huwa ngħata dokument ieħor mingħand PS 964 R. Scicluna, *Scene of the Crime Officer*, ukoll nominat mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta, li ġie mogħti l-Kodiċi tal-Laboratorju 04 BLE RS1, konsistenti f'kontenitur tal-plastik li fuq in-naħa ta' barra tiegħu kellu *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta Description of Exhibit* Borża tal-plastik kontenenti sikkina bil-manku isfar u bil-ponta mtajjra u xi boroż tal-plastik waħda minnhom b'għoqda, *Exhibit Identity Mark, I Identify This As 04 BLE RS1, Signature(s)* PS 964 Robert Scicluna, 29, *May*, 2004, *Court Exhibit No., Laboratory Ref:* 040966". F'dan il-kontenitur kien hemm borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 29.5.04, Ħin 2 pm, Elevat/i minn *garage w/o No.*, Triq il-Merħba, Fgura, fil-presenza ta' Jason Mangion, minn PS 765, PC 102, PC 579". F'din il-borża kien hemm sikkina tal-metall bil-ponta mtajjra tal-marka 'Swibo' u tlett biċċiet plastik, b'waħda minn dawn b'għoqda. Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi:

a) Ma nstabux sustanzi illegali fuq żewġ biċċiet plastik li kien hemm fl-imsemmi dokument;

b) Illi fuq ix-xafra tas-sikkina u fuq biċċa plastik fl-imsemmi dokument, instabu traċċi tas-sustanza Kokajina.

L-imputat Jason Mangion għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri.[5] Huwa jgħid illi kien fiż-żmien li kien għadu miżżewweġ u jaħdem fil-ħobż meta huwa beda jagħmel użu mid-droga kokajina. Għall-ewwel huwa kien jiġbed din is-sustanza, iżda sussegwentement beda jpejjipha permezz tal-pipa. Jgħid illi f'żewġ jew tlett

[4] Ara din ir-relazzjoni esebita a fol. 6 sa 14 tal-proċess verbal, li jinsab esebit a fol. 26 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 290 sa 335 tal-proċess.

okkażżjonijiet, huwa kien xtara l-kokaina bi kwantita`, u cioe` f'kapsola ta' 10 grammi, il-prezz ta' liema kien madwar Lm450 jew Lm500. Jgħid illi kien xtraha f'dan l-ammont, peress illi fi kwantitajiet iżgħar kienet tiswieh aktar u wkoll illi peress illi kien isajjarha, huwa kien jitlef ammont sostanzjali minnha. Skont hu, minn 10 grammi, kien jibqgħalu madwar 6 grammi. L-imputat iżid jgħid illi dak inhar tad-29 ta' Mejju 2004, huwa kien mar San Pawl il-Baħar, fejn iltaqa' ma' ċertu Sean imlaqqam 'il-*Love*' u mingħandhu akkwista l-kokaina li nstabet fil-pussess tiegħu. Jgħid ukoll dak inhar kien xtara kwantita` peress li kellu l-ħsieb li fil-għaxija jmur party *'Love Sexy'* li kien ser isir ġewwa Paradise Bay u li kellu jdum xi jumejn. L-imputat jixhed ukoll illi kien hemm wieħed imlaqqam 'il-Pah' li kien qiegħed jistennih il-Fgura, u lil dan huwa kien qallu li kien sejjer jixtri l-kokajina minn San Pawl il-Baħar u li kif jerġa' lura, kien ser jagħtih ftit minnha. Jispjega illi hekk kif kien sejjer lura l-Fgura minn San Pawl il-Baħar, huwa ġie mwaqqaf mill-pulizija.

Fix-xhieda tiegħu l-imputat jiċħad illi huwa qatt biegħ d-droga, u b'riposta għal domanda li saritlu jgħid illi l-qratas vojta li kienu nstabulu kienu waħda jew tnejn u li dawn kienu tad-droga li kien akkwista meta ġieli xtara bil-ftit. Jispjega illi huwa kien ilu xi sena u nofs jabbuża mid-droga kokajina u li kien jaħraq madwar 10 grammi f'jumejn, anke peress illi kien jitlef sostanzjalment minnha peress li kien jaħraqha. Huwa jgħid ukoll illi kien jikkonsma d-droga flimkien ma' tlieta oħra u jzid jgħid testwalment illi *"Kont nixtri jiena u kont nagħtihom jieħdu, huma jieħdu mod u jien kont kont insajjarha pipa."*[6]

B'referenza għal Pah u senjatament għall-jum li fih ġie arrestat, l-imputat jgħid hekk: *"Ghidtlu stennieni, issa nagħtik ftit"*[7] u mistoqsi jekk il-Pah kienx qallu biex jixtri għalih l-imputat jgħid hekk: *"Le, jaf li kont ser nixtri kapsola, għidtlu issa nagħtik ftit minn tiegħi u x'ħin tlajt San Pawl, fit-triq ċempilli u għidtlu iva nieżel, xtrajt jien. U kienu arrestawni l-Marsa"*.[8]

L-imputat jgħid ukoll illi huwa ġieli kien jagħti lil ħuħ u tnejn oħra ossia l-Pah u ieħor imlaqqam 'Elvis' - f'xi erba' okkażżjonijiet - u dan bil-għan li ma jirrikorrux għas-serq: *"Kont naghtihom dak il-ftit biex ifiequ"*[9], u dan filwaqt li xehed illi lil dawn ma kienx jeħdilhom flus.

[6] Ara a fol. 292 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 298 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 299 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 308 tal-proċess.

Xehed ukoll it-Tabib Dr. Joseph Tonna u dan fis-sens illi mir-rekords tal-ħabs jirriżulta illi lill-imputat kien eżaminah Dr. Gianfranco Spiteri nhar it-30 ta' Mejju 2004 . Jgħid illi dakinhar l-imputat kien qal lit-tabib illi huwa kien juża kwantita` ta' kokaina, madwar 3 grammi kuljum, imma li huwa kien waqaf jagħmel użu mill-kokaina xi xahar qabel. Iżid jgħid illi mit-testijiet illi saru lill-imputat ġewwa l-ħabs fl-10 ta' Ġunju 2004, l-istess imputat irriżulta fil-pożittiv għall-użu ta' *opiates* assoċjati mal-użu ta' l-eroina u li ma kienux saru testijiet għall-użu tal-kokajina li fi kwalunkwe każ ma tibqax timmarka wara tlieta jew erbat ijiem.[10]

It-Tabib Dr. George Grech fil-kapaċita` tiegħu ta' Direttur Kliniku tad-*Detox* xehed illi ma nstabux rekords dwar l-imputat. Da parti tagħha Joanne Buhagiar, in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa, spjegat illi l-imputat kien f'kuntatt mal-istess Aġenzija bejn is-snin 2004 u 2007, f'liema żmien huwa kien ġie assenjat *key worker*, ċerta Delicia Farrugia. Jirriżulta illi huwa kien għamel kuntatt mal-Agenzija fil-31 ta' Lulju 2004 u li t-testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputat rriżultaw fin-negattiv sa mit-tieni appuntament, liema sitwazzjoni baqgħet konsistenti sa Awwissu 2006. Għalkemm l-imputat kien reġa' għamel kuntatt mal-Aġenzija f'Ottubru 2013, f'dan iż-żmien huwa ma bediex jattendi għall-appuntamenti mogħtija lilu u għalhekk, il-*file* tiegħu ngħalaq f'April 2014.[11]

Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2016, l-Uffiċjal tal-*Probation* Maryanne Zammit esebiet *Social Inquiry Report* redatt minnha fil-konfront tal-imputat odjern.[12] Fil-konklużjonijiet tagħha, hija tgħid illi ta' sbatax-il sena l-imputat beda jabbuża mid-droga u kellu problema bil-logħob tal-ażżard, liema problemi kellhom effett anke fuq il-familja konjugali tiegħu. Tgħid ukoll illi jidher li l-imputat fittex l-għajnuna sabiex jindirizza l-problema tad-droga u dak iż-żmien kien qed jgħix ħajja ta' bżulija, b'mod għalhekk illi huwa għamel progress konsiderevoli sabiex jegħleb dawn il-problemi. Jirriżulta wkoll illi test tal-kampjun tal-urina li ttieħed lill-imputat f'Ottubru 2016 irriżulta fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.

**Ikkunsidrat:**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat odjern irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-30 ta' Mejju 2004 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[13] Ma jirriżultax madankollu illi l-imputat ingħata d-dritt li jottjeni parir legali qabel tali stqarrija. Effettivament tali dritt daħal fis-seħħ fil-ligi Maltija fl-10 ta' Frar 2010,

[10] A fol. 337 sa 341 tal-proċess.
[11] A fol. 344 sa 346 u 349 sa 351 tal-proċess.
[12] A fol. 368 *et seq* tal-proċess.
[13] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 6 sa 8 tal-proċess.

permezz tal-Avviż Legali 35/2010. F'dan ir-rigward, il-posizzjoni legali llum hija waħda ċara. Biżżejjed illi l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-imputat ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu (bħal ma lanqas ingħata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess stqarrija – dritt li fil-liġi tagħna daħal fis-seħħ ferm wara), liema stqarrija ċertament kienet ta' preġudizzju għalih għaliex fiha għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, il-Qorti tqis tali stqarrija bħala inammissibbli u qegħda konsegwentement tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll għax-xhieda fil-proċeduri li tirreferi għal dak li ddikjara l-imputat fl-istqarrija tiegħu.

## L-Ewwel Imputazzjoni

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' assoċjazzjoni fis-sens tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid illi jkun ħati ta' reat kontra l-Ordinanza kull min *"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni".*

L-Artikolu 22(1A) tal-istess Ordinanza, imbagħad, jgħid hekk b'referenza għas-sub-inċiz appena ċitat: *"l-assoċjazzjoni ta' persuni … teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-meżżi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu".*

Hija ġurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati illi sabiex tissussisti l-assoċjazzjoni fit-termini tal-imsemmi artikolu, jeħtieġ li jirriżultaw tlett elementi li ġew imfissra *inter alia* fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Marzu

2003, fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Steven John Caddick et</u>** fejn il-Qorti qalet hekk:

*"... the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice".*

Naturalment, kif ġie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Dumbaya Almani</u>**, dawn it-tlett elementi, u ċioe` il-ftehim bejn żewg persuni jew aktar, l-intenzjoni illi tiġi negozjata d-droga u l-ftehim dwar il-modalita` tal-pjan ta' azzjoni, iridu jiġi pruvati mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

Fil-każ odjern, il-Qorti hija tal-fehma illi l-elementi meħtieġa sabiex l-imputat jinstab ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni skont l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirriżultawx ippruvati. Ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi illi kien sar xi ftehim bejn l-imputat u xi terza persuna sabiex tinbiegħ jew tiġi traffikata d-droga kokaina u lanqas ma tirriżulta xi prova dwar xi pjan ta' azzjoni bejn l-imputat u oħrajn.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' traffikar ta' droga kokaina.

La darba skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jeħtieġ illi l-Qorti teżamina l-bqija tal-provi prodotti sabiex tiddetermina jekk din l-imputazzjoni tirriżultax ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Hawnhekk irid jingħad illi minkejja illi l-Prosekuzzjoni esebiet fl-atti żewġ *mobile phones* li nstabu fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, madankollu baqgħet ma talbitx li jiġi nominat espert sabiex iniżżel il-kontenut tagħhom u għalhekk tali *mobile phones* m'huma tal-ebda utilita` għal fini tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar din l-imputazzjoni.

Irid jingħad ukoll illi l-Prosekuzzjoni esebiet żewġ *notebooks* – wieħed żgħir li skont ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni nstab fil-vettura misjuqa mill-imputat u ieħor li skont l-istess xhieda tal-Prosekuzzjoni, instab fir-residenza tiegħu. Wara li l-Qorti

rat hija stess dawn l-esebiti, rriżultalha li fil-fatt tal-aħħar huwa *file* aħdar b'paġni mimlija notamenti, b'ismijiet jew laqmijiet ta' nies u ċifri ta' flus. Dwar dawn in-notamenti, il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva illi ma tistax tifhem kif l-imputat qatt ma ġie mistoqsi xejn dwarhom, la fl-istadju tal-istqarrija, ormai inammissibbli, u lanqas fl-istadju tal-kontro-eżami tiegħu da parti tal-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq illi m'għandhiex dubju illi f'partijiet minnhom dawn in-notamenti jirreferu għad-droga u dan qed jingħad b'mod partikolari fejn dawn jirreferu għal piżijiet, fuq quddiem kif ukoll fuq wara tal-aħħar paġna ta' dan l-istess *file*. Mill-bqija, imbagħad, hemm diversi notamenti ta' ismijiet jew laqmijiet u ċifri ta' flus ħdejhom, inkluż min għandu jieħu l-flus u l-ammont, kif ukoll min għandu jħallas somom ta' flus u perjodi li fihom dawn għandhom jitħallsu jew tħallsu, inkluż ukoll notamenti bil-kelma 'self' ħdejhom u oħrajn bil-kelma 'deyn', kif ukoll notamenti ta' 'deyn' li l-imputat stess kellu ma' terzi persuni. Fost dawn in-notamenti, hemm ukoll il-kliem 'Ommi Lm200', 'Missieri Lm50' u għal darb'oħra, ħdejn il-kelma 'self', il-kliem 'Ommi = Lm100 + …' b'din tal-aħħar ċifra oħra li ma tingħarafx, ħdejn data '/02/04' u notamenti oħra bil-kelma 'Esckort' u somom ta' flus ħdejn din il-kelma flimkien ma' dati li jirreferu għal April 2004. Jidher għalhekk illi l-imputat kien iżomm diversi notamenti f'dan il-*file*, dwar diversi transazzjonijiet u għalkemm x'aktarx illi wħud minn dawn kienu jirreferu għall-bejgħ tad-droga, biss tenut kont tad-diversi notamenti illi l-imputat kien iżomm, il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi dawn kienu jirreferu għall-bejgħ u traffikar tad-droga kokaina fil-perjodu li għalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna. Dan speċjalment meta l-atti proċesswali huma sajma minn provi oħrajn li juru illi l-imputat biegħ jew traffika d-droga kokaina fiż-żmien mertu tal-każ, salv għal dak li jgħid l-imputat inniffsu fix-xhieda tiegħu.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat xehed illi huwa kien jixtri u jaqsam id-droga kokaina ma' ħaddiehor, għalkemm ma kienx jitlobhom flus, fosthom lil ħuh u lil wieħed magħruf bħala l-Pah u dan sabiex ifiequ u/jew ma jisirqux għad-droga. Din ix-xhieda ma tistax ħlief titqies bħala ammissjoni da parti tal-imputat dwar l-akkuża ta traffikar miġjuba kontra tiegħu. Madankollu, in vista ta' dak li jgħid l-imputat fix-xhieda tiegħu, il-Qorti ser tikkunsidra jekk dan it-traffikar għandux jiġi meqjus bħala traffikar *by sharing* fit-termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marco Galea</u>** u **<u>Il-Pulizija vs Russell Bugeja</u>**, it-tnejn deċiżi fil-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi ta' *sharing* kif

ikkontemplat fil-*proviso* tas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik il-Qorti qalet hekk:

"*Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid <u>dejjem</u> tigi applikata l-piena ta' prigunerija <u>u</u> ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott … bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn</u>, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*"

Fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid illi huwa kien jieħu d-droga ma' tlieta oħra. Jgħid illi huwa kien jixtri d-droga u kien jagħtihom mid-droga tiegħu, li huma kienu jieħdu mod u hu kien isajjarha biex jeħodha bil-pipa, fi kliemu "*Jien kont nixtrieha ghalija u kienu jiehdu anke hija u kien hemm l-Pah u kien hemm iehor jekk mhux sejjer zball jghidulu Elvis*"[14]. Jgħid ukoll illi ma kienx jitħallas mingħandhom, li tahom il-kokaina xi erba' darbiet u b'referenza għall-Pah jgħid ukoll illi "*Kont mmur id-dar jew go garaxx li kellna u kont, jien nahtih bicca u kien insajjarha*".[15] Minn dawn il-brani mix-xhieda tal-imputat, il-Qorti tifhem illi x'aktarx meta l-imputat forna d-droga lil dawn it-terzi persuni, huwa kien jikkonsma minn din id-droga magħhom ukoll, fl-istess post u fl-istess ħin. Għaldaqstant, il-Qorti jidhrilha li għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ bħala traffikar *by sharing* u tapplika d-disposizzjonijiet tal-proviso tal-imsemmi artikolu.

## <u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

Permezz ta' din it-tielet imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat bil-pussess 'sempliċi' tad-droga kokajina. Ma hemmx dubju illi nhar id-29 ta' Mejju 2004, meta ġie interċettat mill-pulizija, l-imputat instab fil-pussess ta' din id-droga.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

## <u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sas-26 ta' Settembru 2016, mil-liema jirriżulta illi wara d-data li għalih jirreferi l-każ odjern, huwa nstab ħati ta' reati kontravvenzjonali u għalhekk il-fedina penali tiegħu m'hijiex allarmanti.

Qieset ukoll il-kwantita` tad-droga kokaina misjuba fil-pussess tal-imputat, kif ukoll il-purita` tagħha u li dawn it-tnejn kienu sostanzjali, liema fattur għandu ċertament jiġi rifless fil-piena erogata.

Qieset ukoll mill-banda l-oħra illi l-imputat fittex l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga wara ftit tal-jiem li huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest u li anke reġa' fittex l-għajnuna aktar tard, meta għamel użu iżolat minn xi sustanzi illeċiti; sinjali ċari dawn illi l-imputat fittex minn rajh illi jirrijabilita ruħu minn dan il-vizzju.

[14] A fol. 308 tal-process.
[15] A fol. 310 tal-proċess.

Ikkunsidrat ukoll il-konklużjonijiet tal-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rapport minnha redatt fil-konfront tal-imputat odjern.

Ikkunsidrat ukoll illi għalkemm ir-reati odjerni jirrisalu għas-sena 2004, ħafna mid-dewmien f'dawn il-proċeduri kien dovut għall-imputat stess.

Qieset in oltre illi f'dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni talbet li jinħareġ Ordni ta' Iffriżar fil-konfront tal-imputat odjern, liema talba ntlaqgħet mill-Qorti fil-bidu tal-proċeduri. Mill-atti madankollu ma jirriżultax illi l-Prosekuzzjoni ressqet xi talba oħra għajr din, minkejja li l-imsemmi Ordni għadu fis-seħħ u minkejja wkoll illi l-espert maħtur irrelata dwar l-assi tal-imputat. Issa apparti illi f'dan il-każ, il-Qorti ma tarax kif iċ-ċirkostanzi li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati jistgħu jwasslu għall-konfiska fit-termini tal-Artikolu 22(3A) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx il-konfiska tal-flejjes jew proprjeta` mobbli oħra u proprjeta` immobbli tal-imputat, kif meħtieġ fit-termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti m'hijiex qegħda tordna tali konfiska.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (b) u (ċ), din tal-aħħar oriġinarjament (d), b'dan illi kif ingħad qed tikkunsidra r-reat ta' traffikar taħt l-imputazzjoni (b) bħala traffikar *by sharing*, u tikkundannah għall-piena ta' disa' xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tiġi sospiża għal żmien sentejn mil-lum u multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża u illi l-benefiċċju mogħti mill-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 jista' japplika darba biss.

Il-Qorti m'hijiex qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-istess esperti kienu ġew nominati fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-każ u r-reati in kwistjoni seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost oħrajn gew inklużi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phones* u tas-somma ta' mitejn, ħamsa u tletin Liri Maltin (Lm 235) formanti parti minn Dokument NLS, favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras

Maġistrat